

# Visti Pastorali fil-Gudja

**Chev. Mario Coleiro, O.S.J.**



Il-Visti pastorali f'pajjiżna kienu jsiru fuq bażi regolari minn Isqfijiet jew dinjitarji tal-knisja oħrajn, li permezz tagħhom, kienu jagħmlu inventarju ta' dak kollu li kienet tippossjedi l-knisja. Waqt dawn il-visti kien jiġi stabbilit jekk il-knisja kinitx tkun miżmuma tajjeb, u kienu jiġu elenkati ukoll il-bżonnijiet tan-nies li kienu jgħixu fil-madwar. Hekk naraw li kienu jkunu dawn il-visti li jissuġġerixxu jekk knisja kellhiex tiġi profanata jew inkella kellhiex titwaqqaf f'Parroċċa.

Il-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ (il-Gudia tal-lum) hija waħda mill-eqdem parroċċi ta' Malta. Din il-parroċċa tissemma' l-ewwel darba fil-vista pastorali li l-Isqof Senatore de Mello kien għamel f'Malta fil-1436. Minn din il-vista nafu li f'Malta kien hawn il-parroċċi Matriċi. Jissemmew dawk tal-Imdina u tar-Rabat. Tissemma' wkoll il-parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu. Ma dawn jissemmew għaxar parroċċi li kienu fil-kampanja u propju dik ta' Bir Miftuħ kienet waħda minnhom. Din kienet tiġbor fija l-irħula ta' Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba, Ħal Luqa u Ħal Farrug. Dan kien jagħmilha parroċċa mdaqqsa mhux ħażin.

Nhar is-7 ta' Frar 1575, kien għamel żjara pastorali f'din il-knisja Monsinjur Petro Dusina li kien l-ewwel Inkwiżitur ta' Malta. F'din il-vista Dusina nnota li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna u kellha l-bżonnijiet kollha biex tiffunzjona kif jixraq. Dan jagħtina wkoll dettalji bħal lil min kienu ddedikati l-ħames altari li kellha l-knisja, u jelenka numru ta' paramenti sagri li kellha. Dusina jsemmi ukoll li maġenb din il-knisja kien hemm żewġ knejjes żgħar. Dawn kienu ddedikati waħda lill-Assunta u l-oħra lit-twelid tal-Madonna.

Fis-sena 1615 żar din il-knisja l-Isqof Cagliares li faħħar il-fatt li din kienet miżmuma tajjeb ħafna. Huwa nnota li s-sagrment kien miżmum f'Pissidi tal-fidda li kien jitpoġġa ġo tabernaklu tal-injam. Huwa jiddeskrivi wkoll il-kwadru titulari u jsemmi li fih, max-xbiha ċentrali tal-Assunta, kienu jidhru wkoll l-appostli San Pietru u San Pawl.

L-Isqof Astiria għamel il-vista pastorali tiegħu f'din il-knisja fis-sena 1673. Fost il-kummenti li kiteb ninnutaw li qal li f'din il-knisja kienu jindifnu n-nies, u fin-nofs kellha bosta oqbra li fuqhom kellhom lapidi dekorati. Astiria nnota wkoll li f'nofs il-knisja fuq l-oqbra kien hemm salib kbir. Huwa jsemmi ukoll li l-knisja kienet miżmuma tajjeb ħafna u ma kien jonqosha xejn. F'dan ir-rapport naraw li ż-żewġ knejjes żgħar, li semma mitt sena qabel Dusina, kien għadhom weqfin, u li mill-knisja l-kbira wieħed seta' jidħol f'dawn il-knejjes minn wieħed mill-bibien tal-ġenb. Dan l-Isqof isemmi ukoll li żar il-Knisja Parrokkjali l-ġdida tal-Gudja.



Fis-sena 1680 kien imiss li ssir iż-żjara pastorali tal-Isqof Molina. Dan ikkonċentra ż-żjara tiegħu fil-knisja parrokkjali l-ġdida u innota li din kienet lesta mill-bini fil-1656, u li f'kemm kienet ilha sservi ta' knisja parrokkjali kienet diġà ġiet mgħammra b'dak kollu li kellha bżonn biex tiffunzjona bħala Knisja Parrokkjali. Dan l-Isqof isemmi ukoll li l-knisja kienet diġà bdiet tiżżejjen b'opri artistiċi.

Bla dubju ta' xejn dawn ma kinux l-uniċi isqfijiet li żaru din il-knisja u l-parroċċa tagħha, jew li kellhom konnessjoni magħha. Hekk naraw li fi żmien l-Isqof Balaguer inbniet il-knisja preżenti, filwaqt li l-Isqof Vincenzo Labini kien żar din il-knisja meta, nhar il-11 ta' Diċembru 1785, kien ikkonsagraha solennement. l-Isqof Gaetano Pace Forno kien mexxa iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-qniepen li wara ttellgħu fil-kampnar. Ma' dawn l-Isqfijiet insibu ħafna oħrajn li ġew ġewwa l-Gudja u li ħallewlna ħafna informazjoni fuq din il-parroċċa qadima u l-knejjes tagħha.